MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## IAN FARRUGIA

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2015

Numru. 814/2005

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Angelo Gafa')**

**Vs**

**John Gonzi**

**KUMP. NRU. 814/2005**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **John Gonzi** detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 38071(M), gie akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, f’Lulju tas-sena 2003 u fix-xhur ta’ qabel :

1. b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, iffalsifikajt cedula, polza, ordni, jew dokumenti ohra, illi meta jigu pprezentati wiehed jista’ jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta’ oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b’xi att pubbliku tal-Gvern;

2. Kif ukoll talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, xjentement ghamilt uzu minn cedula, polza, ordni, jew dokumenti ohra ffalsifikati, illi meta jigu pprezentati wiehed jista’ jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta’ oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b’xi att pubbliku tal-Gvern;

3. U aktar talli fl-istess perjodu u cirkostanzi ghamilt falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi hloqt pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhalt dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi zidt jew biddilt klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

4. Kif ukoll talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, xjentement ghamilt uzu minn att, kitba jew skrittura falza;

5. U aktar talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, ghamilt falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamilt uzu minn xi dokument iehor falsifikat.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat u qieset l-atti u d-dokumenti kollha esebiti;

Rat il-kunsens ta` l-Avukat Generali datat 29 ta` Awwissu 2005 li jinsab *a folio* 5 ta` l-atti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda kollha mressqa f'dawn il-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet finali;

**Ikkunsidrat**;

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghall-proceduri odjerni kienu s-segwenti;

1. Illi l-imputat John Gonzi u martu Vanessa Gonzi nee` Mahoney, wara li kienu ltaqghu it-tnejn fl-eta` tenera ta` tmintax-il sena, izzewgu fl-Lulju 1998. Wara xi snin mizzewgin sfortunatament iz-zwieg tkisser u bdiet battalja liema bhala bejniethom li hadet medda ta` madwar ghaxar snin jekk mhux ftit aktar;
2. Illi f'Jannar 2005 John Mahoney u bintu Vanessa, li tigi mart l-imputat, kienu ressqu allegazzjonijiet fil-konfront ta` l-imputat rigwardanti firem li setghu ma kienux ta` l-imsemmija Vanessa Gonzi u li kienu jinsabu fuq numru ta` dokumenti bankarji;
3. Illi apparti investigazzjoni interna li kienet saret minn naha tal-bank HSBC, fuq dawn l-allegazzjonijiet, il-pulizija mexxiet investigazzjoni wieghsa u li a bazi taghha l-imputat tressaq sabiex jirrispondi ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu;

**Ikkunsidrat**;

In sintezi l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat John Gonzi huma illi, fuq medda ta` xhur, b'mod kontinwat, iffalsifika dokumenti billi ghamel firem foloz allegatament ta` martu u ghamel uzu minn tali dokumenti li kienu allegatament foloz.

Illi l-provi mressqa f'dan il-procediment, konsistenti f'depozizzjonijiet ta` xhieda u provi dokumentarji, huma voluminuzi. Il-prosekuzzjoni kellha bicca xoghol difficili. U fil-fehema ta` din il-Qorti, l-prosekuzzjoni ezawriet l-isforzi kollha taghha sabiex iggib quddiem din il-Qorti dak kollu li kien a dispozizzjoni taghha.

Mhux l-istil ta` din il-Qorti li fis-sentenza toqghod tirriproduci dak kollu li jkun sehh waqt il-procediment; wara kollox, dak kollu li jkun sar u nstema jkun fil-process. L-importanti hu li l-Qorti tqis dettaljatament r-rizultanzi processwali kollha u fl-ahhar tara jekk il-prosekuzzjoni tkunx wasslet il-kaz taghha sal-grad tal-prova li trid il-ligi.

Din il-Qorti tibda biex tghid illi l-apprezzament u l-analizi tar-rizultanzi processwali sar fil-kuntest partikolari li fih sehh propju dan il-kaz, u cioe` il-battalja sfortunata li hakkmet lill-imputat u lill-martu f'kuntest ta` separazzjoni fi zwieg imkisser, bl-elementi tad-dwejjaq u l-piki li jhallu effett fuq il-perspettiva tal-persuna li jkun direttament involut fil-kwistjoni kollha.

Wiehed ghandu jinnota per ezempju kemm Vanessa Gonzi u l-imputat jaghtu dettalji u opinjonijiet, u interpretazzjonijiet ta` fatti, fid-depozizzjonijiet voluminuzi taghhom – izda meta wiehed janalizza dan kollu isib li huwa ftit ferm dak li hu effettivament relevanti ghall-vertenza **f'din il-kawza ta` natura penali**. (enfasi ta` din il-Qorti).

Hemm mbaghad numru sostanzjali ta` xhieda ohra mressqa mill-prosekuzzjoni in sostenn tal-kawza. Apparti x-xhieda dettaljata ta` l-ufficjal investigattiv, jixhdu wkoll is-segwenti :

Vanessa Gonzi *a folio* 41 et seq, *a folio* 285 et seq, *a folio* 373 et seq, u finalment *a folio* 469 et seq;

Tony Vella Gregory *a folio* 55 *et seq*, jixhed *inter alia* " …. **Is-sur Gaffiero fuq id-dokumenti kollha li tajnih iddikjara li kellu f'kazijiet kellu dubbji serji kemm huma tas-sinjura Gonzi, f'ohrajn eskluda kompletament li kienu tas-sinjura Gonzi, u jekk miniex sejjer zball, fil-konkluzjoni tieghu qal li jista jkun hemm firem saru minn John Gonzi**. ………" (vide folio 57);

Carlo Fino *a folio* 63 *et seq*, Emanuel Busuttil *a folio* 70 *et seq*, Jonathan Grech *a folio* 87 *et seq*, Dr. Michael Borg Costanzi a folio 127 et seq, John Bezzina a folio 134 et seq, Dr. Eric Mamo a folio 144 et seq, u a folio 370 et seq, Anna Aquilina a folio 225 et seq, John Mahoney a folio 278 et seq, Renato Arcidiacono a folio 321 et seq, Franco Arcidiacono a folio 329 et seq, Ivano Arcidiacono a folio 337, Audrey Ghigo a folio 342 et seq, a folio 458 et seq, a folio 510 et seq, a folio 518, u a folio 591 et seq, Marica debono a folio 357 et seq, Catherine Fenech a folio 364, Nazzarena Busuttil a folio 462 et seq, Yvania Balzan a folio 494, Romuald Attard a folio 580 et seq, u David Muscat a folio 579 et seq.

Fil-fehema ta` din il-Qorti, huwa evidenti li l-prova maghmulha permezz ta` dawn ix-xhieda tikkostitwixxi, fil-massimu, prova cirkostanzjali. Pero`, biex tkun prova cirkostanzjali idonea fi process penali, jehtieg li tali prova tkun univoka u konkordanti – fi kliem iehor, trid tkun prova li tipponta lejn direzzjoni wahda. Jekk pero` hija tali li tista tinklinak thares lejn direzzjoni, imqar wahda ohra, allura dik il-prova ghandha titqies bhala prova cirkostanzjali mhux idoneja.

Imbaghad hemm ix-xhieda u r-rapporti taz-zewg persuni li deheru f'dan il-procediment, indikati bhala esperti fil-qasam xjentifiku fejn tidhol il-kitba u l-kaligrafija. Ir-referenza hawn hija ghas-sur Joseph Gaffiero u s-sur Martin Bajada.

***Joseph Gaffiero*** (vide a folio 95 et seq). Is-segwenti huma brani, senjatament minn dak li jixhed inter alia s-sur Joseph Gaffiero :

Folio 98 : " … **dik fejn talbuni jekk nistax nindika li setax ghamilhom John Gonzi. Dik hija diffikulta` enormi kwazi impossibilita`. Ghaliex? Probabilita` jista jkun. ……… hemm l-istess tendenza ghall-istess id imma probabilita` jew possibilita`. I cannot point a definite finger li nghid din ghamilha hu zgur. ……..**".

***Martin Bajada*** (vide a folio 109 et seq). Huwa importanti hafna dak li jixhed dan ix-xhud a folio 114 u l-konsiderazzjonijiet li jressaq. Hija wara kollox id-depozizzjoni tieghu fl-intier taghha li ghanda piz sostanzjali fuq dan il-procediment. Is-segwenti huwa bran, senjatament minn dak li jixhed inter alia s-sur Martin Bajada :

Folio 124 : " ….. **Inti biex tasal fic-certezza irid ikollok hafna elementi. ……. Fil-fatt ghandi konluzjoni wahda li hija inkonklussiva**. …… folio 125 ….. **F'dan il-kaz l-inkonsistenza hija l-iktar li tippredomina milli l-konsistenza**."

L-istess xhud ikompli jixhed a folio 478 et seq. U jkompli jixhed a folio 538; u jipprezenta rapport dokument 64 a folio 541. Il-konkluzjonijiet raggunti kif jidhru a folio 545 ghandhom piz sostanzjali fuq il-kwistjoni ossia fuq ir-reati addebitati f'dan il-process kontra l-imputat John Gonzi. U finalment jerga jixhed a folio 603 u ipprezenta rapport iehor bhala dokument 68 a folio 605.

Wiehed ma jistax jiskarta wkoll l-istqarrija li rrilaxxja l-imputat a tempo vergine lill-pulizija fil-15 ta` Marzu 2005 li tinsab *a folio* 24 u mmarkata bhala dok 3. Huwa jirrispondi ghal kull domanda li ssirlu. L-imputat, li ma jidhirx li hu persuna midhla tal-pulizija, u jidher li hu persuna ta` kondotta tajba (ara l-fedina penali nettissima li tinsab a folio 3 ta` l-atti processwali), jidher li qed jaghti risposti plawsibbli ghal kull cirkostanza li kien rinfaccjat biha mill-investigaturi.

Mbaghad l-imputat ha l-pedana tax-xhieda f'dawn il-proceduri u ta d-depozizzjoni tieghu bil-gurament b'mod evidentement estensiv u dettaljat (vide a folio 617 et seq ta` l-atti). Hu pprezenta wkoll sensiela ta` dokumenti in sostenn tal-verzjoni tieghu.

Il-Qorti qieset ukoll dak ivverbalizzat fl-udjenza tat-18 ta` Marzu 2015 u cioe` inter alia, li mart l-imputat kienet qed tirrinunzja ghal dak kollu li huwa rinunzjabbli, u li l-partijiet kienu irrizolvew definittivament il-pendenzi kollha li kien hemm bejniethom. Din il-Qorti taghmilha cara illi filwaqt li kull rizoluzzjoni ta` pendenza bejn partijiet, ikunu min ikunu, hija dejjem apprezzata u taghmel biss gid, tali rizoluzzjoni f'din il-kawza bl-ebda mod ma jista jew ghandha jkollha influwenza fuq l-ezitu ossia fuq id-dikjarazzjoni ta` htija jew le fil-konfront ta` l-imputat. L-istess ghandu jinghad dwar ir-rinunzja.

**Ikkunsidrat**;

Fil-fehema ta` din il-Qorti, filwaqt li mill-provi migjuba f'dan il-procediment jirrizultaw numru ta` irregolaritajiet bankarji (il-Qorti taghmilha cara illi ma hux il-kompitu taghha li tidentifika min ghamel dawn l-irregolaritajiet bankarji jew min seta naqas li jhares ir-regoli vigenti fil-qafas bankarju), irid jigi minnufih imfiehem illi mhux kull irregolarita` bankarja necessarjament taghti lok ghal azzjoni kriminali. Ukoll, mhux kull prova ta` xi irregolarita` bankarja hi necessarjament prova idoneja f'kuntest ta` azzjoni penali quddiem Qorti ta` Gustizza Kriminali.

<u>Tibqa tidwi r-regola illi fi procediment kriminali, sabiex persuna tkun tista tinstab hatja (ta` reat kriminali u, f'dan il-kaz partikolari, mhux ta` irregolarita` bankarja), il-korp tal-provi irid ikun tali li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni f'mohh il-gudikant li jkun. Id-dubbju ma jistax ikun ta` dak li jibza jiddeciedi, jew ta` dak li ma jridx jiddeciedi. Id-dubbju jrid ikun konsegwenza ta` analizi approfondita tal-provi kollha migjuba – fi kliem iehor, jekk wara tali analizi, iggwidata mill-principji u r-regoli tal-process penali, il-Qorti li tkun titpogga f'pozizzjoni fejn ma tkunx serena biex tasal ghas-sejbien tal-htija tal-persuna imputata, allura d-dikjarazzjoni konsegwenzali, legali u procedurali, ta` tali sitwazzjoni trid u ghandha tkun li l-prosekuzzjoni, minkejja l-isforzi genwini taghha, ma tkunx lahqet il-grad tal-prova rikjest fil-ligi ghas-sejbien tal-htija fi procediment penali </u>(enfasi tal-Qorti).

Fil-fehema ta` din il-Qorti, dan hu ezatt dak li sehh f'dan il-procediment. Mhux bizzejjed li jinghad li huwa possibbli li l-imputat effettivament ghamel dak li gie allegat fil-konfront tieghu; lanqas ma hu sufficjenti jekk jinghad li probabbilment, x'aktarx iva milli le, li effettivament

kien l-imputat li ghamel dak allegat fil-konfront tieghu. Il-prosekuzzjoni tifhem ezattament dan kollu. Indipendentement mill-irregolaritajiet bankarji rizultanti f'dan il-process, jibqa l-fatt li, mill-provi migjuba komplessivament f'dan il-procediment, il-kaz kontra l-imputat odjern jibqa wiehed inkonklussiv.

Ghalhekk ma giex sufficjentement ippruvat in-ness fattwali allegat bejn il-falsifikazzjoni u l-imputat. U l-konsegwenza naturali u legittima ta` din is-sitwazzjoni hi li allura ma hemmx prova sufficjenti li l-imputat ghamel uzu minn dokumenti foloz kontra d-dispozizzjonijiet tal-ligi penali (minhabba n-nuqqas ta` provi sufficjenti dwar ix-xjenza rikjesta).

Bhala l-ahhar osservazzjoni din il-Qorti ticcara f'dan l-istadju li l-provi cirkostanzjali, li ghalihom saret referenza aktar qabel, effettivament ma jilhqux il-grad ta` l-idonejita` bhala tali propju minhabba n-natura generalment inkonklussiva tar-rapporti mressqa mis-Sur Joseph Gaffiero u s-Sur Martin Bajada fil-konfront ta` l-imputat.

**Konkluzjoni**;

**GHALL-MOTTIVI PREMESSI DIN IL-QORTI SSIB U TIDDIKJARA LIL JOHN GONZI MHUX HATI TA` L-IMPUTAZZJONIJIET KOLLHA MIGJUBA FIL-KONFRONT TIEGHU U MINNHOM TILLIBERAH SKOND IL-LIGI.**

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------